

## III

(Atti preparatorji)

## IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

IT-93 SESSJONI PLENARJA FL-14 U T-15 TA' DIĊEMBRU 2011

## Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar "Il-qafas finanzjarju multiannwali ġdid għal wara l-2013"

(2012/C 54/08)

## IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

- jemmen li l-livell ta' finanzjament propost għalhekk għandu jiġi kkunsidrat bħala l-minimu assolut meħtieġ biex jinkisbu l-ambizzjonijiet li l-Istati Membri qablu dwarhom għall-Unjoni fit-Trattat u fl-Istrateġija Ewropa 2020;
- itenni l-oppożizzjoni b'saħħitha tal-KtR għal kwalunkwe forma ta' kundizzjonalità;
- jappoġġja l-introduzzjoni ta' dawk il-kundizzjonalitajiet *ex ante* biss li jservu bħala strument sabiex titjieb l-effiċjenza tal-programmi u jappella li l-konklużjoni ta' ftehim ta' sħubija formali bejn kull Stat Membru u l-awtoritajiet lokali u reġjonali tagħhom tkun kondizzjonalità speċifika *ex ante*;
- itenni l-oppożizzjoni tal-KtR fir-rigward tar-riserva proposta tal-prestazzjoni filwaqt li jenfasizza li l-kundizzjonalitajiet *ex post* u s-sospensjoni tal-fondi għandhom jiġu applikati biss taħt ċerti kundizzjonijiet speċifikati b'mod ċar jekk ir-riżultati mistennija jkunu 'l bogħod ħafna milli jinkisbu;
- jappoġġja l-proposta tal-qafas finanzjarju multiannwali dwar il-ħolqien ta' kategorija ġdida ta' "tranżizzjoni" għar-reġjuni;
- jenfasizza li l-limitu ta' assorbiment propost m'għandux iwassal għal livell ta' obbligi inqas mil-livell tan-nefqa reali fi kwalunkwe Stat Membru matul il-perjodu 2007-2013
- jappella għal involviment sinifikanti tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fis-supervizzjoni u l-ġestjoni tal-proġetti tal-infrastruttura ffinanzjati taħt il-Faċilità għall-Konnessjoni tal-Ewropa;
- jilqa' b'sodisfazzjon l-ispinta sinifikanti għar-riċerka u l-innovazzjoni proposta fil-qafas finanzjarju multiannwali;
- jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn li l-PAK issir iżjed ekoloġika, kif ukoll il-proposti relatati mal-konverġenza tal-pagamenti u l-limitu tal-livell tal-pagamenti diretti;
- jiddispaċi li l-baġit għall-iżvilupp rurali ser jibqa' sproporzjonalment żgħir meta mqabbel mal-fondi allokatu għall-pagamenti diretti;
- ma jemminx li l-oqsma ewlenin ta' nfiq tal-UE, bħalma huma l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni u l-programm ta' Monitoraġġ Globali għall-Ambjent u s-Sigurtà għandhom jiġu ffinanzjati barra l-ambitu tal-qafas finanzjarju multiannwali;
- huwa konvint li l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji tal-UE għandha tissostitwixxi l-kontribuzzjonijiet nazzjonali u jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-proposti tal-Kummissjoni dwar il-VAT u Taxxa fuq it-Tranżizzjonijiet Finanzjarji.

<b>Relatur</b>	is-Sinjura CLUCAS (UK/ALDE), Membru tal-Kunsill tal-Belt ta' Liverpool
<b>Dokumenti ta' referenza</b>	<p>Kummissjoni Ewropea, (2011), Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar Baġit għall-Ewropa 2020,</p> <p>COM(2011) 500 finali.</p> <p>Kummissjoni Ewropea, (2011), Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali għas-snin 2014-2020,</p> <p>COM(2011) 398 finali – 2011/0177 (APP).</p> <p>Kummissjoni Ewropea, (2011), Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea,</p> <p>COM(2011) 510 finali – 2011/0183 (CNS).</p> <p>Kummissjoni Ewropea, (2011), Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jstabbilixxi miżuri li jimplimentaw is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea,</p> <p>COM(2011) 511 finali – 2011/0184 (APP).</p> <p>Kummissjoni Ewropea, (2011), Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti,</p> <p>COM (2011) 512 finali – 2011/0185 (CNS).</p>

## I. RAKKOMANDEZZJONIJIET TA' POLITIKA

### IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

#### Approċċ baġitarju ġenerali

1. jilqa' b'sodisfazzjon il-pubblikazzjoni tal-proposti tal-Kummissjoni tad-29 ta' Ġunju 2011 dwar il-qafas finanzjarju multiannwali 2014-2020, l-abbozz ta' Regolament tal-Kunsill li jimplimenta l-qafas finanzjarju multiannwali, il-ftehim interistituzzjonali dwar kwistjonijiet baġitarji u l-pakkett relatat mar-riżorsi proprji tal-UE. Il-KtR jikkunsidra li, flimkien, dawn il-proposti jipprovdu qafas kredibbli għall-finanzjament ta' prijoritajiet futuri tal-UE u bażi solida li fuqha għandhom jitnedu aktar diskussjonijiet;

2. jemmaen li l-baġit tal-UE, għalkemm ta' daqs limitat, huwa essenzjali fl-indirizzar tal-isfidi tal-Unjoni. Fir-rigward tal-baġits nazzjonali, l-ispeċifità tal-baġit tal-UE tikkonċerna l-valur miżjud Ewropew tiegħu, l-effett ta' lieva li jgħib miegħu u l-fatt li l-baġit tal-UE jikkonsisti sa 94,5 % f'nefqa kapitali u 5,5 % biss f'nefqa amministrattiva. Għaldaqstant, il-KtR jikkunsidra li hemm bżonn bidla fil-perċezzjoni, partikolarment fost it-Teżori nazzjonali, biex il-kompiti ewlenin tal-UE jiġu kkunsidrati bħala investiment minflok bħala spiża. Il-qafas finanzjarju multiannwali m'għandux ikun biss mudell ta' effiċjenza u effikaċja finanzjarja iżda wkoll mudell għall-governanza demokratika u t-trasparenza;

3. jinnota b'mod partikolari n-natura serja tad-diffikultajiet ekonomiċi u soċjali li qed jiffaċċjaw bħalissa l-Istati Membri u jenfasizza li l-baġit tal-UE, l-Istrategġija Ewropa 2020, u l-governanza ekonomika Ewropea għandhom jaġixxu flimkien b'mod ikkoordinat biex jipromovu l-istabbiltà, it-tkabbir ekonomiku

sostenibbli, il-protezzjoni ambjentali, il-benesseri soċjali u l-koeżjoni territorjali u biex jerġa' jkun hemm fiduċja fl-integrazzjoni Ewropea;

4. jappoġġja l-prinċipji ewlenin li fuqhom huwa bbażat il-qafas finanzjarju multiannwali 2014-2020 inkluż attenzjoni għar-riżultati, żieda fl-investiment minn sorsi oħra, u qabel kollox, is-semplifikazzjoni tat-tweqqif, fost l-oħrajn billi jinġabru flimkien għadd ta' programmi differenti ta' finanzjament. Għandha ssir enfasi fuq dawk il-gruppi li għandhom diffikultajiet biex ikollhom aċċess għall-finanzjament tal-UE. Il-KtR għalhekk jappella għal żieda fl-attivitajiet ta' informazzjoni u ta' promozzjoni, kif ukoll servizzi ta' konsulenza disponibbli fil-livell tal-UE, relatati mal-fondi;

5. jinnota li d-disinn u l-implimentazzjoni tal-qafas finanzjarju multiannwali jstgħu jibbenefikaw b'mod sinifikanti mill-kontribut tal-awtoritajiet lokali u reġjonali. Ir-responsabbiltajiet għall-investiment pubbliku jinsabu kemm fidejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali kif ukoll fidejn il-gvernijiet ċentrali. Dawn jaqdu rwol partikolarment importanti mhux biss biex jamministraw proġetti finanzjati mill-UE iżda wkoll biex jipromovu aċċess għall-fondi u jiżguraw infiq ikkoordinat bejn il-fondi differenti;

6. għalhekk iqis li hemm potenzjal sinifikanti għall-promozzjoni tal-governanza f'diversi livelli fid-disinn u l-implimentazzjoni tal-qafas finanzjarju multiannwali. Għal dan il-għan, jitlob li jinstabu mezzi ġodda ta' ħidma u forom ġodda ta' shubbijiet mal-awtoritajiet lokali u reġjonali li għandhom jiġu kkunsidrati mill-Kummissjoni bħala parti fundamentali tal-forom kollha ta' governanza u finanzjament assoċjati mal-qafas finanzjarju multiannwali;

7. jiddispijaciħ li l-ugwaljanza u l-ugwaljanza bejn is-sessi m'għandhomx rwol prominenti fil-proposta tal-Kummissjoni, u jitlob lill-Istati Membri u l-Parlament Ewropew iħabirku biex il-baġit tal-UE jħaddan id-dimensjoni ta' ugwaljanza bejn is-sessi (budget gendering);

#### *Livell, struttura u dewmien tal-baġit*

8. itenni li l-UE għandu jkollha baġit kredibbli ta' mill-anqas 1 % <sup>(1)</sup> tal-ING biex tkun tista' tikseb objettivi ewlenin Ewropej b'konformità mal-għanijiet tal-Ewropa 2020 u l-bżonnijiet tażżoni lokali u reġjonali. Il-KtR iqis li, b'EUR 1 025 biljun jew 1,05 % tal-ING tal-UE, il-proposti attwali bilkemm jilħqu dan l-għan;

9. jemmen li l-livell ta' finanzjament propost għalhekk għandu jiġi kkunsidrat bħala l-minimu assolut meħtieġ biex jinkisbu l-ambizzjonijiet li l-Istati Membri qablu dwarhom għall-Unjoni fit-Trattat u fl-Istrateġija Ewropa 2020. Fid-dawl tal-fatt li pproponew qafas finanzjarju multiannwali modest, li huwa kostanti f'termini reali mas-sitwazzjoni attwali, il-Kummissjoni Ewropea u l-Parlament, bl-appoġġ sħiħ tal-Kumitat tar-Reġjuni, issa għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex jiddefendu l-livell propost kontra t-tnaqqis matul in-negożjati;

10. jilqa' l-fatt li l-intestaturi baġitarji ngħataw isem ġdid biex jirriflettu aktar mill-qrib il-prijoritajiet tal-Ewropa 2020, iżda jiddispijaciħ li ma ttiħdix l-oportunità biex il-fondi kollha tal-UE li jippromovu l-iżvilupp territorjali jitqiegħdu taħt intestatura waħda;

11. barra minn hekk jinnota li l-Kummissjoni ma ħaditx l-oportunità biex tersaq lejn perjodu baġitarju ta' għaxar snin iżda jilqa' l-possibbiltà li jiġi adottat tali ċiklu mill-2020 'il quddiem, biex jiġu żgurati finanzjament fit-tul u stabbli u perspettiva demokratika mtejba;

#### *Flessibbiltà baġitarja, reviżjoni f'nofs it-term u kundizzjonalitajiet*

12. jiddispijaciħ li m'hemmx flessibbiltà fil-baġit attwali u jenfasizza l-ħtieġa għal aktar flessibbiltà għaċ-ċaqliq tal-appropriazzjonijiet fi ħdan l-intestaturi baġitarji fil-futur;

13. jiddispijaciħ li ma saret l-ebda referenza għal possibbiltà li jiġu trasferiti appropriazzjonijiet baġitarji jew marġni mhux użati lejn riżerva ta' flessibbiltà tal-UE, minflok ma jingħataw lura lill-Istati Membri;

14. jinnota l-proposta li tiġi preżentata 'valutazzjoni' fl-2016 dwar l-implimentazzjoni tal-qafas finanzjarju multiannwali, iżda jenfasizza li din għandha tkun pjuttost reviżjoni sħiħa f'nofs it-term (li tinkorpora l-valutazzjoni proposta) fl-2017, bil-possibbiltà li l-infiq jiġi aġġustat abbażi ta' prijoritajiet emerġenti, soġġett għal ċerti limiti;

<sup>(1)</sup> Iċ-ċifri baġitarji kollha jirrifere għal obbligi u mhux pagamenti.

15. itenni l-oppożizzjoni b'saħħitha tal-KtR għal kwalunkwe forma ta' kundizzjonalità makroekonomika li twassal biex jieqaf il-finanzjament tal-awtoritajiet lokali u reġjonali minħabba deċiżjonijiet ekonomiċi li jittieħdu mill-gvernijiet nazżjonali;

16. madankollu jappoġġja l-introduzzjoni ta' dawk il-kundizzjonalitajiet *ex ante* biss fil-ġestjoni tal-programmi tal-UE li jservu bħala strument sabiex titjieb l-effiċjenza tal-programmi u tiġi vvalutata l-kapaċità teknika u amministrattiva reali minflok l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-UE; l-esiġenza li jitfasslu strateġiji, pjani jew miżuri bħala kundizzjonalità *ex ante* m'għandhiex timplika li l-fondi jiddependu mit-tweġiq sussegwenti ta' dawn kollha, inklużi dawk li mħumiex kofinanzjati mill-fondi tal-UE, billi dan jista' jikser il-prinċipji tal-proporzjonalità u tas-sussidjarjetà;

17. jappella li l-konklużjoni ta' fteħim ta' sħubija formali bejn kull Stat Membru u l-awtoritajiet lokali u reġjonali tagħhom tkun kundizzjonalità speċifika *ex ante* li għandha tiġi vverifikata mill-Kummissjoni;

18. jenfasizza li l-kundizzjonalitajiet *ex post* u s-sospensjoni tal-fondi għandhom jiġu applikati biss taħt ċerti kundizzjonijiet speċifikati b'mod ċar jekk ir-riżultati mistennija jkunu 'l bogħod ħafna milli jinkisbu, u jitlob biex jiġu kkunsidrati l-kundizzjonijiet nazżjonali għall-irkupru ta' fondi li jkunu diġà ġew allokati. Għandu jkun hemm ukoll kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazżjonali u reġjonali biex jiġu stabbiliti dawn il-kundizzjonalitajiet *ex post*, u jiġi evitat ir-riskju li l-finanzjament jitwaqqaf abbażi ta' kriterji li ma jkunux strettament oġġettivi u ma jkunux jistgħu jitkejlu;

19. jenfasizza li r-riżultati u l-oġġettivi għandhom jiġu miftieħma b'mod konġunt mal-awtoritajiet lokali u reġjonali u kwalunkwe piż amministrattiv ġdid għandu jkun minimu. Il-mixja lejn il-kejl tar-riżultati għandha twassal għat-tneħħija tas-sistema attwali tal-kejl iddettaljat tal-inputs u l-outputs. L-approċċ tal-kundizzjonalitajiet u l-mod kif ser jopera fil-prattika jeħtieġ li jiġi spjegat aħjar u b'mod aktar ċar lill-partijiet interessati;

20. jenfasizza li l-qafas finanzjarju multiannwali l-ġdid tal-UE għandu jkun kompletament konformi mal-użu sostenibbli tar-riżorsi u jappella sabiex ikun hemm analiżi mtejba tal-marka tal-karbonju tal-investimenti li jsiru b'appoġġ mill-baġit tal-UE;

#### **Intestatura tal-baġit 1 – Tkabbir intelliġenti u inklużiv**

##### *Proposti relatati mal-politika ta' koeżjoni*

21. jaqbel man-natura pan-UE proposta tal-politika ta' koeżjoni, li tkopri r-reġjuni kollha b'maġġoranza tal-fondi għall-ifqar reġjuni filwaqt li l-aktar reġjuni għonja jkun jistgħu jkomplu jindirizzaw l-isfidi tagħhom. Il-KtR jilqa' r-referenza espliċita għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali bħala s-sottolimitu tal-intestatura tal-baġit 1, iżda jiddispijaciħ li ma ġiex

previst marġni. Dan jista' jwassal għal żieda fil-fondi taħt is-sottolimitu f'każ li jkun hemm fondi li ma jkunux intużaw bnadi oħra;

22. jinnota wkoll li l-ammonti proposti għall-Fondi Strutturali (EUR 336 biljun għall-FEŻR, il-FSE u l-Fond ta' Koeżjoni, iżda eskluża l-faċilità għall-Konnessjoni tal-Ewropa) huma 3 % anqas mil-livell attwali fejn hemm allokati EUR 347 biljun. L-għan għandu jkun li jiġi provdut finanzjament għall-programmi tal-Fondi Strutturali li tal-anqas ikun kostanti f'termini reali mal-livelli attwali;

23. jirrifjuta l-proposta li r-reġjuni għonja għandhom primarjament jallokaw l-allokkazzjoni sħiħa tagħhom tal-Fondi Strutturali, ħlief il-FSE, għall-kwistjonijiet tal-enerġija, l-iżvilupp tal-SMEs u l-innovazzjoni. Għalkemm livell ta' enfasi huwa essenzjali fi ħdan kull programm operattiv, limitazzjoni bħal din fil-livell tal-UE mhux ser tiżgura valur miżjud fid-dawl tan-natura diversa tar-reġjuni tal-Ewropa u l-isfidi varjati li jffacċjaw. Għandha tkun possibbli għażla aktar libera minn menu usa' tal-oġġettivi tematiċi tal-Ewropa 2020;

24. itenni l-oppożizzjoni tal-KtR fir-rigward tar-riserva proposta tal-prestazzjoni ta' 5 % tal-baġit għall-politika ta' koeżjoni. Hemm il-possibbiltà li dan iwassal għal xenarju fejn kulħadd joħroġ tellief minħabba li r-riserva tiġi allokata fuq il-bażi ta' pakketti nazzjonali definiti minn qabel. F'każ li l-kriterji ta' prestazzjoni ma jintlaħqux (għal liema jista' jkun hemm raġunijiet oġġettivi u esterni), l-ammonti miżmuma għar-riserva tal-prestazzjoni sempliċement jintilfu. It-twertiq b'suċċess ta' programm ser ikun premju suffiċjenti fih innifsu, u l-infiq ikun allokati aħjar għall-miżuri ta' prevenzjoni bħall-għajnuna teknika għall-bini tal-kapaċità istituzzjonali;

25. jappoġġja l-proposta tal-qafas finanzjarju mutliannwali dwar il-ħolqien ta' kategorija ġdida ta' "tranżizzjoni" għar-reġjuni bejn 75 % u 90 % tal-PDG tal-UE u jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta li jkun hemm netwerk tas-sigurtà għar-reġjuni li ma jibqgħux eliġibbli għall-appoġġ tal-konverġenza. Madankollu jenfasizza li l-kredibbiltà tal-politika ta' koeżjoni tintlaqat mill-użu tad-data dwar il-PDG li għadha lura b'bosta snin fir-rigward tal-kundizzjonijiet ekonomiċi;

26. Il-Kummissjoni għandha tqis il-bosta reġjuni li l-PDG tagħhom naqas mill-perjodu ta' referenza 2006-2008 'l hawn billi jiġu sfruttati l-flessibbiltajiet fi ħdan il-qafas finanzjarju propost, billi jintuża l-proċess ta' aġġustament propost skont l-Artikolu 5 tal-abbozz għar-Regolament tal-Kunsill dwar il-Qafas Finanzjarju Multiannwali u permezz ta' revizzjoni ta' nofs it-term tal-Qafas Finanzjarju Multiannwali fl-2017. Fid-dokumenti ta' programmar iridu jitqiesu d-diversi effetti reġjonali fit-tnaqqis ekonomiku;

27. itenni li l-Fond Soċjali Ewropew (FSE) għandu jibqa' stabbilit sew fi ħdan il-politika ta' koeżjoni tal-UE. Il-FSE tabilħaqq l-

aħjar li jiġi implimentat fil-livell territorjali permezz ta' programmi integrati bbażati fuq il-post aktar milli permezz ta' programmi tematiċi jew settorjali separati fil-livell nazzjonali;

28. jenfasizza l-importanza li tiġi promossa l-ugwaljanza u l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-UE u f'pajjiżi terzi permezz ta' biżżejjed riżorsi ddedikati lill-FSE, lill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp u programmi soċjali oħra;

29. jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta li l-allokkazzjonijiet tal-Fond ta' Koeżjoni jibqgħu terz tal-fondi totali tal-koeżjoni fil-livell nazzjonali fl-Istati Membri eliġibbli (daww b'anqas minn 90 % tal-ING tal-UE);

30. jappoġġja ż-żieda fil-baġit għall-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea minn EUR 9 biljun għal EUR 13-il biljun u jinnota l-valur miżjud sinifikanti Ewropew tal-INTERREG u ta' programmi oħra li jħeġġu lir-reġjuni tal-Ewropa biex jaħdmu flimkien biex jindirizzaw sfidi komuni;

31. jappoġġja bis-sħiħ il-proposta biex jiġi stabbilit Qafas Strateġiku Komuni li jwassal għal sensiela unika ta' linji gwida strateġiċi għall-fondi ewlenin tal-UE b'dimensjoni territorjali. Il-Qafas Strateġiku Komuni madankollu għandu jmur lil hinn mill-allinjament tal-fondi fil-livell strateġiku biex jiżgura prattiki u proċeduri komuni ta' implimentazzjoni bejn il-fondi fil-fażi tal-implimentazzjoni;

32. jaqbel mal-approċċ li l-ogħla rata possibbli għall-allokkazzjonijiet tal-koeżjoni għandha tiġi stabbilita flivell li jirrifletti r-rati reali ta' eżekuzzjoni u l-kapaċitajiet reali ta' assorbiment fi ħdan kull Stat Membru, iżda jenfasizza li l-limitu l-ġdid għandu jiġi stabbilit flivell li jippermetti lill-Istati Membri kollha jimplimentaw politika effettiva ta' koeżjoni. B'mod partikolari, il-limitu ta' assorbiment propost m'għandux iwassal għal livell ta' obbligi inqas mil-livell tan-nefqa reali (aġġustat għall-inflazzjoni) fi kwalunkwe Stat Membru matul il-perjodu 2007-2013;

33. jinsisti li l-prinċipju tas-sħubija għandu jsir realtà, jiġi promoss b'mod attiv u jiġi infurzat b'mod strett. Il-KtR jilqa' b'sodisfazzjon il-kuntratti ta' sħubija bħala possibbiltà ta' pjanar strateġiku tal-programmi, iżda jinsisti li t-twertiq konkret ta' dawn il-kuntratti għandu jirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif ukoll it-tqassim tal-kompetenzi fi ħdan l-Istati Membri. Għaldaqstant il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-kuntratti għandu jibqa' limitat għall-miżuri tal-politika ta' koeżjoni u fondi oħra tal-Qafas Strateġiku Komuni. L-awtoritajiet lokali u reġjonali kompetenti għandhom jiġu trattati bħala msieħba ugwali fejn l-awtoritajiet nazzjonali jippreparaw, iwettqu, jimmonitorjaw u jevalwaw il-programmi tal-Fond Strutturali u l-kuntratti assoċjati ta' sħubija. Il-Patti Territorjali bejn l-awtoritajiet lokali, reġjonali

u nazzjonali għandhom ikunu wkoll għażla disponibbli biex jiġu formalizzati l-arranġamenti ta' sħubija flimkien mal-gvernijiet nazzjonali;

34. itenni s-sejħa tiegħu għall-introduzzjoni u l-promozzjoni ta' "bonds taċ-ċittadini" għat-trawwim tal-iżvilupp lokali. Il-bonds taċ-ċittadini jistgħu jwasslu biex il-proġetti appoġġjati mill-UE jibbenefikaw minn finanzjament addizzjonali minn ċittadini individwali jew fondi pubbliċi oħra li jinvestu bil-għan li jkollhom ritorn garantit u ġust;

35. barra minn hekk, jenfasizza l-bżonn li jiġu żviluppatti soluzzjonijiet lokali tal-enerġija permezz tas-"Smart Cities", li jippromovu provvista tal-enerġija nadifa u effiċjenti u jappella għal aktar appoġġ għall-awtoritajiet lokali u reġjonali biex jingħataw, b'mod partikolari, l-għarfien tekniku espert meħtieġ sabiex jifasslu pjani ta' azzjoni lokali u reġjonali biex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima u biex jitħeġġeġ l-iskambju ta' ideat. F'dan ir-rigward jindika r-rwol prinċipali tal-Patt tas-Sindki, li l-baġit tiegħu għandu jiżdied sabiex ikun jista' jiġi estiż l-ambitu ta' azzjoni fejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġu pprovduti l-għarfien tekniku sabiex jabbozzaw pjani ta' azzjoni għat-tibdil fil-klima u fejn jiġu indirizzati sfidi aktar speċifiċi relatati mal-enerġija u r-riżorsi, bħall-politika dwar l-ilma;

#### *Il-Faċilità għall-Konnessjoni tal-Ewropa*

36. jinnota l-proposta għal Faċilità ġdida għall-Konnessjoni tal-Ewropa ta' EUR 40 biljun bil-għan li jiġi appoġġjat l-investiment fit-trasport, l-enerġija, l-infrastruttura tal-ICT (teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni) ta' importanza Ewropea u jikkunsidra li t-tneħħija tal-ostakli f'dawn in-netwerks tkun ta' valur miżjud sinifikanti għas-soċjetà. Madankollu, hemm bżonn ta' involviment sinifikanti tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fis-superviżjoni u l-ġestjoni ta' proġetti tal-infrastruttura bħal dawn, liema involviment mhux previst fl-arranġamenti ta' ġestjoni ċentralizzata li huma proposti bħalissa;

37. ifakkar fl-appoġġ tal-KtR fir-rigward tal-introduzzjoni tal-bonds tal-proġetti tal-UE biex tiġi ffinanzjata l-infrastruttura u jfakkar li tali bonds jista' jkollhom effett ta' lieva ta' benefiċċju kbir fuq il-baġit tal-UE. Madankollu, tali strumenti għandhom jiġu kkunsidrati bħala addizzjoni ta' valur, pjuttost milli sostituti, għall-finanzjament kif mogħti mill-Fondi Strutturali;

#### *Riċerka u finanzjament għall-innovazzjoni: "Orizzont 2020"*

38. jikkunsidra li l-baġit attwali għar-riċerka tal-Komunità mhuwiex adegwat u għaldaqstant jilqa' b'sodisfazzjon l-ispinta sinifikanti għar-riċerka u l-innovazzjoni proposta fil-qafas finanzjarju multiannwali (żieda minn EUR 53 biljun għal EUR 80 biljun). Dan iressaq lill-Unjoni eqreb l-objettiv tal-Ewropa 2020 li tinvesti 3 % tal-PDG tal-UE fir-riċerka u l-innovazzjoni, b'konformità mal-ħolqien ta' "Unjoni tal-Innovazzjoni". B'mod partikolari, il-KtR jitlob li jissaħħa il-programm tar-Reġjuni tal-Għarfien, iżda jikkunsidra li huwa vitali li tithaffet l-applikazz-

joni tar-riċerka fis-suq. Il-KtR jappoġġja l-idea li jiżdied l-appoġġ għall-inizjattivi fraggruppament u sħubijiet lokali oħra li jgħinu biex tingħata spinta lill-potenzjal ta' innovazzjoni;

39. jappoġġja l-ħolqien ta' qafas strateġiku komuni "Orizzont 2020" għar-riċerka u l-innovazzjoni, peress li għandu l-potenzjal li jissempjifika u jikkonsolida l-programmi differenti ta' finanzjament f'dan il-qasam bħas-Seba' Programm Kwadru u l-Programm tal-Kompetittività u tal-Innovazzjoni. Madankollu, il-KtR jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-qafas strateġiku komuni għar-riċerka u l-innovazzjoni għandu jkun ikkoordinat tajjeb u għandu jkun konsistenti mal-qafas strateġiku komuni propost fil-fondi territorjali;

#### *Edukazzjoni, taħriġ u żgħażaġh*

40. jilqa' l-ispinta għall-finanzjament proposta għall-programmi speċifiċi tal-UE għall-edukazzjoni, it-taħriġ u ż-żgħażaġh (inkluż l-ispert) b'żieda fil-baġit għal EUR 15-il biljun. Dawn il-programmi għandhom jiġu kkumpliementati b'infq fil-Fond Soċjali Ewropew. Il-KtR partikolarment jilqa' l-enfasi fuq ir-razzjonalizzazzjoni u s-semplifikazzjoni tas-sensjela attwali ta' programmi għaż-żgħażaġh, l-edukazzjoni u t-taħriġ fi ħdan il-programm integrat uniku, flimkien ma' proċessi semplifikati. Madankollu, il-programm 'Edukazzjoni Ewropa' m'għandux ikun immirat biss għall-istudenti tal-edukazzjoni għolja iżda għandu jindirizza wkoll il-fenomeni kumpless tal-istudenti li jieqfu mill-iskola qabel iż-żmien, fejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali għandhom rwol importanti x'jaqdu. Barra minn hekk, il-KtR jenfasizza l-importanza ekonomika u soċjali tas-setturi kulturali u kreattivi u l-bżonn li jingħata biżżejjed appoġġ lil dawn is-setturi, taħt il-FEŻR u l-FSE;

41. jemmen li huwa importanti ħafna li, meta jiġu ristrutturati l-programmi ta' appoġġ, iż-żgħażaġh jitkomplew jingħataw appoġġ imfassal għall-bżonnijiet speċifiċi taż-żgħażaġh. Dan il-programm integrat ġdid għandu jissejjes fuq is-sisien pożittivi tal-programm attwali "Żgħażaġħ fl-Azzjoni". B'konformità mal-Istrateġija tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ, dan għandu jippromovi mhux biss l-iżvilupp tal-iskambji taż-żgħażaġh u tal-impjegati kkwalifikati iżda wkoll iż-żieda tal-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-ħajja demokratika fl-Ewropa;

#### **Intestatura tal-baġit 2 – Tkabbir sostenibbli: riżorsi naturali**

42. jinnota, bħal fil-każ tal-Fondi Strutturali, it-tnaqqis propost fil-fondi tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) minn EUR 396 biljun għal EUR 372 biljun. Madankollu, jinnota li l-PAK, li tkopri kemm il-pilastru I u II, għadha wieħed mill-akbar punti tal-infq tal-baġit meta mqabbel mat-EUR 336 biljun propost għall-Fondi Strutturali;

43. jemmen li, fid-dawl tal-ħtieġa urġenti li l-PAK mhux biss tippovdi għall-bżonnijiet tal-ikel iżda wkoll li tikseb il-kompiti ewlenin tal-Ewropa, il-PAK għandha tiġi allinjata aktar mal-Istrateġija Ewropa 2020 biex il-bdiewa jkunu jistgħu jirċievu pagamenti fuq bażi ekwa biex jipprovdu prodotti pubbliċi bħal

approċċ imsaħħaħ għas-sigurtà tal-ikel, il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali, il-protezzjoni tal-bijodiversità, l-indirizzar tat-tibdil fil-klima, u r-riġenerazzjoni taż-żoni rurali b'mod ġenerali;

44. jilqa' b'sodisfazzjon partikolari l-fatt li l-Kummissjoni m'għażlitx li tkompli tifframmenta l-ambjent ta' finanzjament tal-UE b'fond settorjali separat għat-tibdil fil-klima u li minflok għażlet approċċ aktar integrat u li jarmonizza bil-għan li 30 % tal-infiq taħt l-ewwel pilastru jkun ekoloġiku; madankollu jenfasizza li l-“approċċ aktar ekoloġiku” m'għandux iwassal biex jiġu mittiefsa l-programmi agroambjentali tal-Istati Membri;

45. jilqa' b'sodisfazzjon l-impenn li l-PAK issir iżjed ekoloġika u jitlob li l-azzjoni biex il-PAK issir iżjed ekoloġika tinkludi kriterji ċari, obbligatorji u espliċiti għall-benefiċjarji fir-rigward tal-protezzjoni tal-ħamrija u l-użu effiċjenti tal-ilma ta' taħt l-art, kif ukoll passi għat-tneħħija tas-sussidji kollha li jagħmlu ħsara lill-ambjent;

46. jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta relatata mal-konverġenza tal-pagamenti u l-limitu tal-livell tal-pagamenti diretti. Dan għandu jwassal għal sistema aktar ġusta tal-allokkazzjoni madwar l-Istati Membri. Il-KtR jappoġġja bis-sħiħ ukoll il-proposta li jkun hemm aktar flessibilità bejn iż-żewġ pilastru tal-PAK: il-pagamenti diretti u l-iżvilupp rurali;

47. jinsab imħasseb li r-riserva proposta ta' EUR 3,5 biljun għall-kriżijiet fis-settur agrikolu u l-proposta li jitwessa' l-ambitu tal-Fond ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni jirriflettu l-preferenza tal-Kummissjoni għal miżuri ta' reazzjoni pjuttost milli ta' prevenzjoni u jemma li għandu jkun hemm flessibilità baġitarja akbar biex jiġu indirizzati l-kriżijiet minflok tinħoloq sensjela dejjem akbar ta' riservi, fondi, u strumenti ta' emerġenza differenti barra l-qafas finanzjarju multianwali; iqis f'dan ir-rigward li l-vijabbiltà tal-Politika Agrikola Komuni hija marbuta mill-qrib maż-żamma ta' mekkaniżmi pubbliċi ta' regolazzjoni tas-suq sabiex tiġi miġġielda l-volatilità tal-prezzijiet u jiġu ggarantiti prezzijiet stabbli kemm għall-produtturi kif ukoll għall-konsumaturi;

48. jiddispijaċi li l-baġit għall-iżvilupp rurali (EUR 90 biljun) ser jibqa' sproporzjonalment żgħir meta mqabbel mal-fondi allokatu għall-pagamenti diretti, iżda jilqa' b'sodisfazzjon il-fatt li l-FAEŻR ser ikun marbut b'mod aktar mal-fondi territorjali l-oħra fi ħdan il-Qafas Strateġiku Komuni. Il-PAK u l-politika ta' koeżjoni ma jistgħux jiġu kkunsidrati waħedhom u għandhom ikunu kkoordinati aktar mill-qrib mas-sitwazzjoni attwali. Fir-rigward tat-tneħħija tal-approċċ tal-assi, il-KtR jenfasizza li proġetti oħra mhux agrikoli, bħal dawk li jippromovu l-inklużjoni soċjali, it-tnaqqis tal-faqar u l-iżvilupp ekonomiku f'żoni rurali (prijorità ġdida 6) m'għandhomx jirċievu inqas attenzjoni fil-futur;

49. isejjaħ biex jitkompla l-programm Ewropew ta' għajnuna fil-forma ta' ikel għall-persuni l-aktar fil-bżonn (most deprived persons – MDP) flivell mhux inqas minn dak tal-perjodu

attwali. F'każ li l-programm ikun fil-kompetenza tal-Fond Soċjali Ewropew, minflok il-Politika Agrikola Komuni, il-fondi għandhom jiċċaqilqu wkoll fi ħdan l-istruttura tal-baġit;

50. jinsab imħasseb li l-inklużjoni tal-politika tas-sajd fi ħdan politika marittima integrata taħt il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u tas-Sajd tista' timplika tnaqqis fil-livelli ta' fondi allokatu għas-sajd. Tali tnaqqis mhuwiex adatt fid-dawl tal-isfidi li qed jiffaċċjaw il-komunitajiet tas-sajd;

51. jenfasizza l-valur tal-programm LIFE+ u jilqa' b'sodisfazzjon iż-żieda fil-fondi tiegħu għal EUR 3,2 biljun;

### Intestatura tal-baġit 3 – Sigurtà u ċittadinanza

52. jilqa' b'sodisfazzjon il-proposti baġitarji taħt din l-intestatura u jenfasizza l-importanza ta' baġit mogħni bir-riżorsi kollha għall-immigrazzjoni, l-asil u s-sigurtà. Il-KtR jenfasizza speċjalment il-ħtieġa ta' approċċ ikkoordinat fir-rigward tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, u jilqa' b'sodisfazzjon il-passi favur l-iżvilupp ta' Sistema Ewropea Komuni tal-Asil: żona ċara fejn il-kooperazzjoni fil-livell tal-UE hija l-unika soluzzjoni. Madankollu, għandu jinstab bilanċ preċiż bejn, minn naħa, il-parti tan-nefqa li għandha x'taqsam mas-sigurtà (inkluda s-sigurtà interna) u l-fruntieri u, min-naħa l-oħra, in-nefqa f'oqsma bħall-integrazzjoni tal-migranti u l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza għal dawk il-persuni li qed jitolbu asil, fejn azzjonijiet tal-awtoritajiet lokali u reġjonali jistgħu jgħibu magħhom valur miżjud ċar;

53. jenfasizza l-importanza tal-provvediment ta' riżorsi adegwati għat-trawwim tad-drittijiet fundamentali, id-demokrazija u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fl-isforz li tinbena ċittadinanza Ewropea, u għaldaqstant iqis li l-enfasi li saret fil-programm l-Ewropa għaċ-Ċittadini fir-rigward tas-sħubijiet għall-appoġġ tas-soċjetà ċivili fil-livell tal-UE hija tal-akbar importanza;

54. jemma li s-sigurtà tal-UE hija marbuta mill-qrib mal-iżvilupp tad-demokrazija, il-governanza tajba u l-istat ta' dritt kemm fi ħdan l-Unjoni kif ukoll f'pajjiżi terzi u li hija r-responsabbiltà tal-Unjoni li tippromovi dawn il-valuri globalment;

55. jenfasizza l-importanza tat-EUR 396 miljun proposti għall-programm tas-saħħa pubblika tal-UE u jenfasizza li għandu jkun hemm biżżejjed fondi għall-innovazzjoni soċjali, bijoloġika u teknoloġika fil-qasam tas-servizzi tas-saħħa. Il-KtR jinnota l-importanza tal-kura tas-saħħa u dik soċjali bħala l-ixprun sinifikanti għall-impjieġ fil-futur u b'hekk jenfasizza li l-indirizzar tal-inugwaljanzi fil-qasam tas-saħħa għandu jiġi kkunsidrat bħala prijorità baġitarja;

56. jenfasizza l-importanza tal-EUR 1,6 biljun proposti għall-programm Ewropa Kreattiva u jenfasizza li għandu jkun hemm biżżejjed fondi għall-partijiet kollha interessati fi ħdan is-setturi kulturali u kreattivi li jagħtu kontribut importanti għall-oġettivi tal-istrateġija Ewropa 2020;

#### Intestatura tal-baġit 4 – Ewropa globali

57. jirrikonoxxi li l-UE għandha piż sinifikanti fil-livell internazzjonali, akbar minn dak tal-Istati Membri individwali tagħha, u li l-isfidi li qed tiffaċċja l-UE jeħtieġu soluzzjoni globali. Il-KtR għaldaqstant jilqa' ż-żieda fil-baġit li għandha tiġi allokata għall-Politika tal-Viċinat u l-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp (EUR 36 biljun);

58. jappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni għar-razzjonalizzazzjoni tal-istrumenti fil-kuntest tat-tkabbir permezz tal-ħolqien ta' strument waħdieni integrat ta' qabel l-adeżjoni;

59. itenni t-talba tiegħu sabiex l-awtoritajiet lokali u reġjonali mill-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV) ikunu jistgħu jirċievu appoġġ finanzjarju għall-parteċipazzjoni tagħhom f'korpi rilevanti;

60. jenfasizza l-impenn tiegħu fir-rigward tat-tnaqqis tal-faqar u speċjalment fir-rigward tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju li għandhom jinkisbu sal-2015 u jappoġġja l-għan li jiġi allokat 0,7 % tal-PNG tal-Istati Membri għall-iżvilupp f'pajjiżi terzi. B'mod partikolari jenfasizza r-rwol importanti li taqdi l-UE biex tiżgura approċċ ikkoordinat għall-provvediment ta' għaj-nuna umanitarja u jitlob lill-Istati Membri kollha biex jieħdu azzjoni biex jiżguraw li qed jilhqqu l-wegħdiet tagħhom fir-rigward tal-iżvilupp;

#### Intestatura tal-baġit 5 – Amministrazzjoni

61. jenfasizza l-bżonn li jinsabu u jiġu introdotti miżuri ta' frankar f'termini ta' effiċjenza amministrattiva fuq bażi kontinwa fl-istituzzjonijiet kollha tal-UE u l-korpi konsultattivi filwaqt li ma jiddgħajjifx ir-rwol vitali li jaqdu fit-tweġġ tal-għanijiet Ewropej;

62. jenfasizza li jista' jinkiseb frankar sinifikanti permezz ta' ristrutturar u kooperazzjoni interistituzzjonali kif ukoll bis-saħħa ta' organizzazzjoni aħjar tal-attivitajiet istituzzjonali permezz tal-applikazzjoni integrata tas-soluzzjonijiet diġitali;

#### Fondi barra l-qafas finanzjarju multiannwali u mekkaniżmi korrettivi

63. bħala prinċipju ma jemminx li l-oqsma ewlenin ta' nfiq tal-UE – bhalmha huma l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, il-Fond ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, il-programm ta' Monitoraġġ Globali għall-Ambjent u s-Sigurtà, flimkien ma' strumenti oħra li jammontaw għal EUR 58 biljun tal-infiq tal-Unjoni – għandhom jiġu ffinanzjati barra l-ambitu tal-qafas finanzjarju multiannwali. Dan jillimita l-involviment tad-demokrazija parlamentari u jagħmel ħsara lit-trasparenza. Bħala prinċipju, il-punti kollha tal-infiq tal-UE, anke dawk li huma ppjanati għall-perjodu fit-tul, jew dawk li jistgħu ma jintużawx, għandhom ikunu soġetti għal dibattitu fuq termini ekwivalenti għal dawk tal-qafas finanzjarju multiannwali;

64. jappoġġja s-semplifikazzjoni mħabbra ta' sistema kumplessa ħafna ta' ribassi (rebates) u korrezzjonijiet u jilqa'

b'sodisfazzjoni il-fatt li l-korrezzjonijiet ġodda f'forma ta' somom sħaħ ikunu limitati fiż-żmien; jilqa' wkoll b'sodisfazzjoni il-proposta tal-Kummissjoni li s-sistemi ta' ribassi eżistenti jiġu sostitwiti b'mekkaniżmu ta' korrezzjoni ġenerali. Fi kwalunkwe każ, mekkaniżmu ta' korrezzjoni ta' dan it-tip għandu jiggarrantixxi li fil-prinċipju ċ-ċifri rispettivi ma jiddidux u li fl-aħħar mill-aħħar ikun hemm bilanċ ġust bejn l-Istati Membri. Għadd ta' mekkaniżmi ta' korrezzjoni ser jintemmu awtomatikament fl-2013, iżda l-korrezzjoni mogħtija lir-Renju Unit u r-roħs relatat ma' din il-korrezzjoni mogħti lill-Ġermanja, lill-Pajjiżi l-Baxxi, lill-Awstrija u lill-Isvetja s'issa m'għandhomx skadenza. Il-KtR madankollu jikkunsidra li revizzjoni tal-mekkaniżmi ta' korrezzjoni tista' titwettaq biss jekk ir-raġunijiet fundamentali u leġittimi għal dawk il-mekkaniżmi korrettivi jiġu indirizzati wkoll;

#### Riżorsi proprji tal-UE

65. huwa konvint li l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji tal-UE għandha tissostitwixxi l-kontribuzzjonijiet nazzjonali u jfakkar li l-Istati Membri kollha u l-parlamenti nazzjonali ffirmaw l-Artikolu 311 tat-TFUE li huwa impenjat biex il-baġit kollu tal-UE jkun iffinanzjat mir-riżorsi proprji tal-UE. Il-KtR għaldaqstant jappoġġja l-inizjattivi li jnaqqsu l-kontribuzzjonijiet diretti tal-Istati Membri għall-baġit tal-UE filwaqt li jżidu r-riżorsi proprji tal-UE disponibbli biex jiġu indirizzati sfidi futuri;

66. għaldaqstant jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-proposti tal-Kummissjoni li tistabbilixxi riżorsa ġdida tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT). Dawn il-proposti huma ambizzjużi iżda meħtieġa ħafna;

67. jilqa' b'sodisfazzjoni il-proposta li tiġi introdotta Taxxa fuq it-Tranżazzjonijiet Finanzjarji kkoordinata madwar l-Ewropa kollha. It-tassazzjoni tas-settur finanzjarju tkun kontribut importanti sabiex ikun hemm livell oġhla ta' ekwità u twassal biex jiġi limitat l-għadd ta' attivitajiet finanzjarji, speċjalment l-ispeku-lazzjoni;

68. jemmen li kwalunkwe sistema ġdida għall-finanzjament tal-baġit tal-Unjoni għandha tiggarrantixxi l-prinċipji tal-ekwità, l-istabbiltà ekonomika, is-solidarjetà, it-trasparenza u s-semplikità u għandha tapplika għall-Istati Membri kollha. Għal dan il-għan, jeħtieġ li titwettaq valutazzjoni ddettaljata tal-impatt u tal-fattib-biltà qabel ma jintlaħaq ftehim dwar kwalunkwe riżorsi ġodda proprji. B'mod aktar importanti, għandu jitnieda dibattitu fi ħdan l-Istati Membri li jinkludi l-involviment mill-qrib tal-awto-ritajiet lokali u reġjonali;

#### Proċess u perjodi ta' żmien

69. jilqa' b'sodisfazzjoni il-fatt li l-qafas finanzjarju multiann-wali jinkludi dispożizzjonijiet speċifiċi f'każ li ma jiġix adottat sal-aħħar tal-2012, għalkemm jirrikonoxxi li dan fil-fatt jista' jkun ta' diżinċentiv għall-ksib ta' ftehim f'waqtu. Il-KtR għalhekk iħeġġeġ lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jaslu għal ftehim dwar il-proposti fil-perjodu ta' żmien previst;

70. jiddispijaċih li l-Parlament Ewropew ser jingħata biss poter ta' kunsens dwar il-qafas finanzjarju multiannwali minflok kodeċiżjoni sħiħa: dan ifisser li ma jistax jemenda formalment il-proposti, u għaldaqstant jitlob lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex jiżguraw impenn massimu mal-Kumitat tar-Regġuni u l-Parlament Ewropew permezz ta' mekkaniżmi msaħħa ta' kooperazzjoni;

71. jista' jirrevedi din l-opinjoni tul l-2012 hekk kif jiżvolġu n-negozjati dwar il-qafas finanzjarju multiannwali;

## II. RAKKOMONDAZZJONIJIET SABIEX JITRESSQU EMENDI

### Emenda 1

#### Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KTR
Meta titqies il-ħtieġa ta' livell adegwat ta' prevedibbiltà għat-tnejjija u l-implimentazzjoni ta' investimenti fuq perjodu ta' tul medju, it-tul tal-qafas finanzjarju għandu jiġi stabbilit għal seba' snin li jibdew mill-1 ta' Jannar 2014, b'valutazzjoni tal-implimentazzjoni tal-qafas finanzjarju f'nofs dan il-perjodu. Ir-riżultati ta' din il-valutazzjoni għandhom jitqiesu matul l-aħħar tliet snin tal-ħajja tal-qafas finanzjarju.	Meta titqies il-ħtieġa ta' livell adegwat ta' prevedibbiltà għat-tnejjija u l-implimentazzjoni ta' investimenti fuq perjodu ta' tul medju, it-tul tal-qafas finanzjarju għandu jiġi stabbilit għal seba' snin li jibdew mill-1 ta' Jannar 2014, b' <del>valutazzjoni</del> <u>reviżjoni</u> tal-implimentazzjoni tal-qafas finanzjarju f'nofs dan il-perjodu. Ir-riżultati ta' din <del>il-valutazzjoni</del> <u>ir-reviżjoni</u> għandhom jitqiesu matul l-aħħar tliet snin tal-ħajja tal-qafas finanzjarju.

### Raġuni

Ara punt 13 tal-abbozz ta' opinjoni.

Fl-24 ta' Ottubru 2011, il-Kumitat tar-Regġuni rċieva ittra ta' konsultazzjoni mis-segretarjat tal-Kunsill dwar il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali għas-snin 2014-2020 (COM(2011) 398 finali). Dan l-abbozz ta' opinjoni jindirizza din l-ittra ta' konsultazzjoni.

### Emenda 2

#### Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KTR
Il-pakketti nazzjonali għall-Koeżjoni għat-tkabbir u l-impjiegi huma stabbiliti fuq il-bażi tal-previżjoni għall-Prodott Domestiku Gross (minn hawn 'il quddiem il-"PDG") tar-rebbiegħa 2011. Fid-dawl tal-incerteżzi fit-tbassir u l-impatt għall-Istati Membri b'limitu massimu, għandha ssir valutazzjoni f'nofs it-terminu sabiex tqabbel il-PDG imbassar u dak reali u l-impatt tiegħu fuq il-pakketti. Fil-każ li l-PDG għall-2014-2016 jitbiegħed b'aktar minn +/- 5 % mill-previżjoni użata fl-2011, il-pakketti għall-2018-2020 għall-Istati Membri kkonċernati jkun jenħtieġ li jiġu aġġustati. Huwa meħtieġ li jiġu stipulati r-regoli għal dan l-aġġustament.	Il-pakketti nazzjonali għall-Koeżjoni għat-tkabbir u l-impjiegi huma stabbiliti fuq il-bażi tal-previżjoni għall-Prodott Domestiku Gross (minn hawn 'il quddiem il-"PDG") tar-rebbiegħa 2011. Fid-dawl tal-incerteżzi fit-tbassir u l-impatt għall-Istati Membri b'limitu massimu, għandha ssir <del>valutazzjoni</del> <u>reviżjoni</u> f'nofs it-terminu sabiex tqabbel il-PDG imbassar u dak reali u l-impatt tiegħu fuq il-pakketti. Fil-każ li l-PDG għall-2014-2016 jitbiegħed b'aktar minn +/- 5 % mill-previżjoni użata fl-2011, il-pakketti għall-2018-2020 għall-Istati Membri kkonċernati jkun jenħtieġ li jiġu aġġustati <u>bi kwalunkwe riżorsi addizzjonali mmirati lejn dawk ir-reġjuni li l-PDG tagħhom naqas l-aktar</u> . Huwa meħtieġ li jiġu stipulati r-regoli għal dan l-aġġustament.

### Raġuni

Ara punt 20 ta' dan l-abbozz ta' opinjoni.

Fl-24 ta' Ottubru 2011, il-Kumitat tar-Regġuni rċieva ittra ta' konsultazzjoni mis-segretarjat tal-Kunsill dwar il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali għas-snin 2014-2020 (COM(2011) 398 finali). Dan l-abbozz ta' opinjoni jindirizza din l-ittra ta' konsultazzjoni.



**Emenda 3**

## Artikolu 5

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Fl-aġġustament tekniku tiegħu għas-sena 2018, jekk jiġi stabbilit li l-Prodott Domestiku Gross ("PDG") kumulattiv ta' xi Stat Membru għas-snin 2014-2016 ikun tbiegħed b'aktar minn +/- 5 % mill-PDG kumulattiv stmat fl-2011 għall-istabiliment tal-pakketti tal-politika ta' koeżjoni għall-Istati Membri għall-perjodu 2014-2020, il-Kummissjoni għandha taġġusta l-ammonti allokati mill-fondi li jappoġġjaw il-koeżjoni għall-Istat Membru kkonċernat għal dak il-perjodu.	Fl-aġġustament tekniku tiegħu għas-sena 2018, jekk jiġi stabbilit li l-Prodott Domestiku Gross ("PDG") kumulattiv ta' xi Stat Membru għas-snin 2014-2016 ikun tbiegħed b'aktar minn +/- 5 % mill-PDG kumulattiv stmat fl-2011 għall-istabiliment tal-pakketti tal-politika ta' koeżjoni għall-Istati Membri għall-perjodu 2014-2020, il-Kummissjoni għandha taġġusta l-ammonti allokati mill-fondi li jappoġġjaw il-koeżjoni għall-Istat Membru kkonċernat għal dak il-perjodu. <u>Dawn ir-riżorsi għandhom jiġu mmirati lejn dawk ir-reġjuni li l-PDG tagħhom naqas l-aktar.</u>

**Raġuni**

Ara punt 20 ta' dan l-abbozz ta' opinjoni.

Fl-24 ta' Ottubru 2011, il-Kumitat tar-Reġjuni rċieva ittra ta' konsultazzjoni mis-segretarjat tal-Kunsill dwar il-Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali għas-snin 2014-2020 (COM(2011) 398 finali). Dan l-abbozz ta' opinjoni jindirizza din l-ittra ta' konsultazzjoni.

**Emenda 4**

## Artikolu 15

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda tal-KtR
Fl-2016, il-Kummissjoni għandha tippreżenta valutazzjoni ta' nofs it-term (li tinkludi l-valutazzjoni proposta) tal-implimentazzjoni tal-qafas finanzjarju, bi proposti rilevanti fejn ikun neċessarju.	Fl- <del>2016</del> 2017, il-Kummissjoni għandha tippreżenta <del>valutazzjoni</del> <u>reviżjoni</u> ta' nofs it-term (li tinkludi l-valutazzjoni <u>proposta</u> ) tal-implimentazzjoni tal-qafas finanzjarju, bi proposti rilevanti fejn ikun neċessarju.

**Raġuni**

Din l-emenda għandha l-għan li tiċċara li ser ikun hemm element ta' valutazzjoni bħala parti mir-reviżjoni ta' nofs it-term proposta u mhux żewġ proċeduri separati.

Brussell, 14 ta' Diċembru 2011.

*Il-President*  
tal-Kumitat tar-Reġjuni  
Mercedes BRESSO